MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 2201/2004

**Middlesea Insurance p.l.c. (C 5553) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Raymond Farrugia sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Raymond Farrugia ( I.D. 93458(M) )**

**Vs**

**Jamie Farrugia**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' Lm855.67c (tmien mija u hamsa u hamsin lira Maltin u sebgha u sittin centezmu) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi f'incident awtomobilistiku li sehh fit-22 ta' Marzu, 2002 f'Triq il-Bajja ta' San Gorg, San Giljan, Paceville bejn vettura numru ta' registrazzjoni BBM 603 misjuqa mill-konvenut u proprjeta' ta' Anna Farrugia u vettura numru ta' registrazzjoni MND 023 misjuqa minn Amanda Farrugia u proprjeta' ta' Raymond Farrugia.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm855.67c (tmien mija u hamsa u hamsin lira Maltin u sebgha u sittin centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------